

Brussell, 23 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15754/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0424(NLE)

ECOFIN 1242
FIN 1204
UEM 397

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	23 ta' Novembru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 743 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 11046/21 INIT; ST 11046/21 ADD 1) tat-8 ta' Settembru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għall-Irlanda

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 743 final.

Mehmuż: COM(2023) 743 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.11.2023
COM(2023) 743 final

2023/0424 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 11046/21 INIT; ST 11046/21 ADD 1) tat-8 ta' Settembru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għall-Irlanda

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 11046/21 INIT; ST 11046/21 ADD 1) tat-8 ta' Settembru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għall-Irlanda

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikulari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza ("RRP") mill-Irlanda fit-28 ta' Mejju 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Il-Kunsill, approva l-valutazzjoni pożittiva tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ("RRP") għall-Irlanda permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Settembru 2021².
- (2) Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, jenħtieġ li l-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-approġġ finanzjarju mhux ripagabbli ta' kull Stat Membru tiġi aġġornata sat-30 ta' Ġunju 2022 f'konformità mal-metodoloġija pprovduta fih. Fit-30 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat ir-riżultati ta' dak l-aġġornament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
- (3) Fit-22 ta' Mejju 2023, l-Irlanda ppreżentat l-RRP emendat tagħha lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241. Wara l-preżentazzjoni tal-RRP modifikat mill-Irlanda, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Lulju 2023³.
- (4) Fl-14 ta' Lulju 2023, il-Kunsill indirizza rakkomandazzjonijiet lill-Irlanda fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. B'mod partikolari, il-Kunsill irrakkomanda li l-Irlanda tiżgura s-sostenibbiltà fiskali tas-sistema tal-pensjonijiet tal-istat u taċċellera l-investimenti biex titħaffef l-ekonomija ċirkolari u fl-infrastruttura tal-ilma tax-xorb u tal-ilma mormi. Barra minn hekk, il-Kunsill irrakkomanda lill-Irlanda biex tnaqqas id-

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

² ST 11046/21 INIT; ST 11046/21 ADD 1.

³ ST 11336/23 INIT.

dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili, tiffoka l-isforzi fuq it-titjib tal-flessibbiltà fis-sistema tal-elettriku u biex ittejjeb l-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija filwaqt li tissimplifika l-qafas tal-ippjanar u tal-permessi għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, għall-ħżin u għall-konnetturi tal-grilja. Il-Kunsill irrakkomanda wkoll lill-Irlanda biex timplimenta miżuri addizzjonali li jappoġġaw l-effiċjenza enerġetika fil-bini, taċċellera l-installazzjoni ta' punti tal-iċċarġjar pubbliċi għal vetturi b'emissjonijiet żero u tiffoka fuq il-ħiliet meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika.

- (5) Fil-25 ta' Ottubru 2023, l-Irlanda ppreżentat it-tieni RRP nazzjonali modifikat lill-Kummissjoni. L-RRP modifikat iqis ukoll il-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata f'konformità mal-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 u jinkludi talba motivata lill-Kummissjoni biex temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 billi l-RRP parzjalment ma għadux jista' jinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Il-modifiki tal-RRP ippreżentati mill-Irlanda jikkonċernaw seba' (7) miżuri.
- (6) Is-sommarju tal-konsultazzjonijiet ġie ppreżentat flimkien mal-RRP nazzjonali modifikat. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP modifikat, f'konformità mal-linji gwida tal-valutazzjoni stabbiliti fl-Anness V ta' dak ir-Regolament.

Aġġornamenti bbażati fuq l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2021/241

- (7) L-RRP modifikat ippreżentat mill-Irlanda jaġġorna żewġ miżuri biex titqies il-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata. L-Irlanda spjegat li minħabba li l-kontribuzzjoni finanzjarja massima naqset minn EUR 988 966 534 għal EUR 914 368 618, jeħtieġ li żewġ miżuri taħt il-komponenti 1 “L-avvanz tat-tranżizzjoni ekoloġika” u 3 “L-irkupru soċjali u ekonomiku u ħolqien tal-impjiegi” kif imsemmija fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Settembru 2021 jitneħħew mill-RRP modifikat.
- (8) Dawn il-miżuri jikkonċernaw l-investment 1.1 “Tneħħija tar-Riskji ta' Skema ta' Self għal Modifiki Retroattivi Residenzjali b'Kost Baxx” taħt il-komponent 1, li għandu l-għan li jinkoraġġixxi l-investment privat fl-effiċjenza enerġetika billi jistabbilixxi skema ta' self għal modifiki retroattivi residenzjali b'rata tal-imgħax baxxa bbażata fuq garanzija ta' self li għandha tiġi pprovduta mill-Istat lil banek parteċipanti għall-konsumatur u istituzzjonijiet ta' kreditu oħrajn, u l-investment 3.1 “Programm ta' Esperjenza ta' Postijiet tax-Xogħol” taħt il-komponent 3, dwar il-finanzjament biex jiġi appoġġat ir-ritorn għax-xogħol ta' dawk li qed ifittxu impjiegi li ilhom qiegħda għal mill-inqas sitt (6) xhur, billi jiġu offruti esperjenzi prattiċi ta' xogħol u taħriġ. Għalhekk, jenħtieġ li d-deskrizzjoni tal-miżuri u tal-istadji importanti u l-miri 1, 2, 3, 78 u 79 assoċjati tagħhom jitneħħew mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Settembru 2021.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

- (9) L-RRP emendat ippreżentat mill-Irlanda minħabba ċirkostanzi oġġettivi jaffettwa ħames miżuri.
- (10) L-ewwel emenda tikkonċerna l-investment 1.2 “Aċċellerazzjoni tad-De karbonizzazzjoni tas-Settur tal-Intrapriżi” taħt il-komponent 1 “L-avvanz tat-tranżizzjoni ekoloġika”. L-investment jikkonsisti fid-dekarbonizzazzjoni tal-intrapriżi billi tiġi iċċentivata l-installazzjoni ta' sistemi ta' kejl u monitoraġġ tal-enerġija u billi jiżdied l-użu ta' tisħin newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju b'temperatura

baxxa jew medja fl-industrija tal-manifattura. L-Irlanda spjegat li l-mira 5 taħt dan l-investment ġiet modifikata biex jiġu implimentati alternattivi aħjar sabiex tinkiseb l-ambizzjoni oriġinali tal-miżura. B'mod partikolari, tkun tista' titnaqqas kwantità akbar ta' emissjonijiet ta' CO₂ permezz tal-provvista ta' appoġġ lil inqas proġetti iżda li jkunu ta' daqs akbar, peress li l-proġetti ż-żgħar x'aktarx ikollhom kost oġhla għal kull tunnellata ta' CO₂ imnaqqsa. Fuq din il-bażi, l-Irlanda talbet li timmodifika 'l isfel l-għadd fil-mira ta' kumpaniji minn 750 għal 150, filwaqt li torbot dan mal-għadd aktar baxx ta' proġetti li jkunu qed jirċievu aktar appoġġ, li huwa aktar adatt biex ikopri l-objettiv tal-miżura. Barra minn hekk, l-Irlanda talbet li timmodifika l-mira 6 tal-istess miżura minħabba l-preżenza ta' żball klerikali li kkawża rappreżentazzjoni ħażina tal-potenzjal ta' tnaqqis tal-miżura fil-pjan oriġinali. L-Irlanda pprovdiet evidenza li, flimkien mal-modifika msemmija hawn fuq għall-mira 5, tiġġustifika modifika tal-mira 6 għal volum totali ta' tnaqqis ta' 40 000 tunnellata ta' CO₂. Minħabba l-istess ċirkostanzi, l-Irlanda talbet ukoll li jiġu emendati d-deskrizzjonijiet tas-submiżuri 1.2.1 u 1.2.2, kif ukoll li jiġu emendati d-deskrizzjonijiet tal-istadji importanti u tal-miri 4, 5, 6, 7 u 8, l-indikatur kwalitattiv għall-istadji importanti 4 u 7 u l-miżura relatata għall-istadju importanti 7 u l-mira 8. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Settembru 2021 tiġi emendata skont dan.

- (11) It-tieni emenda tikkonċerna l-investment 1.3 “Proġett ta' Pathfinder Retrofit fis-Settur Pubbliku” taħt il-komponent 1. L-objettiv tal-investment huwa li jipprovdi finanzjament għal titjib kbir tal-binjiet ta' uffiċċji pubbliċi billi jsir investment fl-effiċjenza enerġetika u fit-titjib tal-modernizzazzjoni sabiex titnaqqas b'mod sinifikanti l-impronta tal-karbonju tagħhom u tittawwal il-ħajja utli tagħhom. L-Irlanda spjegat li l-istadju importanti 10 tal-miżura ma għadux jista' jinkiseb fl-iskeda ta' żmien partikolari minħabba l-għadd kbir ta' refuġjati li jeħtieġu soluzzjonijiet ta' akkomodazzjoni bħala riżultat tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. L-isforzi tal-Gvern biex jindirizza l-impatt tal-kriżi umanitarja ddevjaw ir-riżorsi amministrattivi lil hinn mill-implimentazzjoni tal-istadju importanti 10 lejn il-ġestjoni tal-akkomodazzjoni ta' emerġenza u l-ħtiġijiet ta' akkomodazzjoni tar-refuġjati Ukreni li jaslu. Peress li l-Uffiċċju tax-Xogħlijiet Pubbliċi (OPW, Office of Public Works) ingħata l-kompitu li jorganizza u jibni soluzzjonijiet ta' akkomodazzjoni ta' emerġenza għar-refuġjati Ukreni, sehem sostanzjali mir-riżorsi amministrattivi tiegħu kellu jiġi riallokati fi żmien qasir għal dawn l-isforzi. Din kienet ċirkostanza mhux prevista li għelbet il-ħidma regolari tal-OPW, u b'hekk ikkawżat dewmien fl-implimentazzjoni tal-investment 1.3. Fuq il-bażi ta' dan, l-Irlanda talbet li d-data indikattiva tat-tlestija tal-istadju importanti 10 tiġi posposta għar-raba' trimestru tal-2025 u li d-deskrizzjoni tal-istadju importanti tiġi emendata. Minħabba l-istess ċirkostanzi, l-Irlanda talbet ukoll li jiġu emendati d-deskrizzjoni tal-miżura tal-investment 1.3, id-deskrizzjoni u l-indikatur kwalitattiv tal-istadji importanti 9, 10 u 11 u l-isem tal-istadju importanti 10. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Settembru 2021 tiġi emendata skont dan.
- (12) It-tielet emenda tikkonċerna l-investment 1.4 “L-iffaċilitar tal-elettrifikazzjoni futura permezz ta' investment immirat f'Cork commuter rail” taħt il-komponent 1. L-investment 1.4 għandu l-għan li jespandi l-politika tal-mobbiltà sostenibbli fir-reġjun ta' Cork, inaqqas l-użu tal-karozzi u jżid l-użu tat-trasport pubbliku, u b'hekk jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Huwa jinkludi tliet submiżuri: (i) L-iffaċilitar tal-Elettrifikazzjoni Futura Permezz ta' Investment Immirat f'Cork Commuter Rail – Ħolqien ta' linja ta' fluss addizzjonali bi pjattaforma addizzjonali f'Kent Station, (ii) L-iffaċilitar tal-Elettrifikazzjoni Futura Permezz ta' Investment Immirat f'Cork Commuter Rail– Irduppar tal-binarji tal-linja unika

attwali bejn Glounthaune u Midleton, (iii) L-iffaċilitar tal-Elettrifikazzjoni Futura Permezz ta' Investiment Immirat f' Cork Commuter Rail – Sinjalazzjoni mill-ġdid tal-linji. L-Irlanda spjegat li r-rekwiżiti kif stabbiliti fid-deskrizzjoni dwar il-kostruzzjoni ta' pont pedonali tal-ewwel submiżura li tipprevedi l-ħolqien ta' linja kontinwa addizzjonali, bi pjattaforma addizzjonali fl-Istazzjon ta' Kent ġew modifikati biex jiġu implimentati alternattivi aħjar sabiex tinkiseb l-ambizzjoni oriġinali tal-miżura. L-estensjoni ta' pjattaforma eżistenti ġiet irrakkomandata bħala l-ġhażla preferibbli minn parti terza indipendenti wara studji ta' fattibbiltà u disinn. L-identifikazzjoni tal-espansjoni ta' pjattaforma eżistenti bħala l-ġhażla ppreferuta ma kinitx prevista fiż-żmien tas-sottomissjoni tal-RRP oriġinali. Abbażi ta' dan, l-Irlanda talbet li timmodifika l-isem tal-miżura u d-deskrizzjoni tal-miżura, kif ukoll il-miżura relatata għall-istadji importanti 14, 15 u 16 u d-deskrizzjoni tal-istadju importanti 16 biex jiġi rifless il-fatt li l-istazzjon jista' jkiseb kapaċità addizzjonali filwaqt li jikkonforma mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà, filwaqt li tiġi eliminata l-ħtieġa għall-kostruzzjoni ta' pont pedonali. Barra minn hekk, minħabba l-istess ċirkostanzi, l-Irlanda talbet li jiġu emendati d-deskrizzjonijiet tal-miżuri tat-tliet subinvestimenti 1.4.1, 1.4.2, u 1.4.3, kif ukoll l-isem u l-indikatur kwalitattiv tal-istadji importanti 12 u 22. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Settembru 2021 tiġi emendata skont dan.

- (13) Ir-raba' emenda tikkonċerna l-investiment 2.1 Żvilupp ta' ċentru tad-*data* kondiviż tal-Gvern taħt il-komponent 2 (L-aċċellerazzjoni u l-espansjoni tar-riformi u t-trasformazzjoni diġitali). L-investiment jikkonsisti fl-iżvilupp ta' ċentru tad-*data* kondiviż tal-Gvern. L-Irlanda spjegat li l-istadju importanti 54 u l-mira 55 tal-miżura ma għadhomx jistgħu jinkisbu fl-iskeda ta' żmien partikolari minħabba t-tfikkil fil-katina tal-provvista kkawżat mill-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, kif ukoll inflazzjoni li taffettwa l-prezzijiet għall-materjal tal-kostruzzjoni u żieda fil-kostijiet tal-enerġija. Iż-żieda fil-kostijiet dewmet il-proċess tal-offerti minħabba l-ħtieġa li jiġi rieżaminat l-argument għall-vijabbiltà għall-kostruzzjoni taċ-ċentru tad-*data*, jinkiseb finanzjament addizzjonali u tinkiseb approvazzjoni mill-gvern qabel ma jkun jista' jingħata l-kuntratt. Barra minn hekk, l-Irlanda spjegat li r-rekwiżit tal-mira 55 dwar il-migrazzjoni tas-servers u tas-servizzi ta' erba' organizzazzjonijiet lejn iċ-ċentru tad-*data* tal-Gvern il-ġdid ma għadux jista' jinkiseb minħabba d-dewmien imsemmi hawn fuq, li jħalli sena biss bejn it-tlestija tal-kostruzzjoni u t-tmiem tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Fuq il-bażi ta' dan, l-Irlanda talbet li tipposponi t-tlestija tal-istadju importanti 54 u l-mira 55 għat-tieni trimestru tal-2025 u għat-tieni trimestru tal-2026 rispettivament u li tnaqqas il-mira 55 minn erba' organizzazzjonijiet li jemigraw is-servers u s-servizzi tagħhom lejn iċ-ċentru tad-*data* tal-Gvern il-ġdid għal żewġ organizzazzjonijiet li jemigraw is-servers u s-servizz tagħhom. Minħabba l-istess ċirkostanzi, l-Irlanda talbet ukoll l-emenda tad-deskrizzjoni tal-miżura 2.1 kif ukoll tad-deskrizzjoni tal-mira 55. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Settembru 2021 tiġi emendata skont dan.
- (14) Il-ħames emenda tikkonċerna l-investiment 3.2 Programm Solas ta' Rispons għall-Ħiliet għall-Irkupru taħt il-komponent 3. L-investiment jikkonsisti fl-ġoti ta' finanzjament biex jiġu appoġġati attivitajiet ta' taħriġ mill-ġdid u ta' titjib tal-ħiliet, sabiex il-parteciċipanti jiġu mgħammra bil-ħiliet meħtieġa għat-tranżizzjoni doppja kif ukoll fis-setturi fil-mira b'opportunitajiet ta' impjieg. L-Irlanda spjegat li l-miri 82 u 83 ta' din il-miżura ma għadhomx jistgħu jinkisbu fiż-żmien stabbilit fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Settembru 2021 minħabba rata baxxa ta' qgħad bħala riżultat tar-reżiljenza mhux mistennija tal-impjegi wara l-kriżi pandemika. Filwaqt li dawn l-iżviluppi huma pożittivi ħafna għall-Irlanda, huma affettwaw l-

abbiltà tas-settur tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ Ulterjuri li jilħaq il-miri għal din il-miżura. Barra minn hekk, l-Irlanda spjegat li r-rekwiżit tal-mira 83 rigward parteċipazzjoni tan-nisa taħt l-età ta' 30 sena b'livell ta' edukazzjoni milħuq ta' 5 jew inqas fl-inizjattiva "Skills to Compete" ta' mill-inqas 20 %, ukoll ma għadux jista' jinkiseb minħabba r-raġunijiet imsemmija hawn fuq. Fuq il-bażi ta' dan, l-Irlanda talbet il-posponiment tad-data indikata tat-tlestija tal-miri 82 u 83 għar-raba' trimestru tal-2024 u l-emenda tal-valur u d-deskrizzjoni tal-mira 83. Minflok ma timmira għal mira ta' 20 % ta' nisa taħt it-30 sena b'livell edukattiv milħuq ta' 5 jew inqas fil-Qafas Nazzjonali tal-Kwalifiki rreġistrati fl-inizjattiva Ħiliet għal Compete, il-mira hija posposta għar-raba' kwartal tal-2024 u d-definizzjoni twessgħet biex tinkludi n-nisa kollha irrispettivament mill-età u l-livell edukattiv milħuq, u dan jirriżulta f' sehem ta' parteċipazzjoni ta' 50 % tan-nisa rreġistrati f' mill-inqas waħda mill-opportunitajiet ta' provvista ta' ħiliet fl-ambitu tal-inizjattiva "Skills to Compete". Minħabba l-istess ċirkostanzi, l-Irlanda talbet ukoll l-emenda tad-deskrizzjoni tal-miżura 3.2 kif ukoll tal-isem u d-deskrizzjoni tal-istadji importanti u tal-miri 80, 81, 82, u 83 u tal-indikatur kwalitattiv tal-istadji importanti 80 u 81. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Settembru 2021 tiġi emendata skont dan.

- (15) Il-Kummissjoni tqis li r-raġunijiet imressqa mill-Irlanda jiġġustifikaw l-aġġornament skont l-Artikolu 18(2) u l-emendi skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (16) Il-modifiki limitati mressqa mill-Irlanda ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva preċedenti tal-RRP fir-rigward tar-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tiegħu.

Korrezzjonijiet ta' żbalji klerikali

- (17) Ġie identifikat żball klerikali wieħed fit-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Settembru 2021, li jaffettwa tliet stadji importanti u miri u miżura waħda. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill jenħtieġ li tiġi emendata biex jiġi kkoreġut dak l-iżball klerikali li ma jirriflettix il-kontenut tal-RRP ppreżentat lill-Kummissjoni fit-28 ta' Mejju 2021, kif miftiehem bejn il-Kummissjoni u l-Irlanda.
- (18) L-iżball klerikali jirrigwarda d-deskrizzjoni tar-riforma 3.6 Ippjanar Aggressiv tat-Taxxa u l-istadju importanti 96 taħt il-komponent 3. Il-korrezzjonijiet ma jaffettwawx l-implimentazzjoni tal-miżura kkonċernata.

L-indirizzar tal-isfidi kollha, jew subsett sinifikanti minnhom identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż

- (19) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (b), u mal-Anness V, il-kriterju 2.2, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU mistenni jikkontribwixxi biex ikomplu jiġu indirizzati l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti minnhom identifikati fir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lill-Irlanda, inkluż l-aspetti fiskali tagħhom.
- (20) B'mod partikolari, minkejja t-tneħħija tal-investment 1.1 Tneħħija tar-Riskji ta' Skema ta' Self għal Modifiki Retroattivi Residenzjali b'Kost Baxx, l-RRP aġġornat jibqa' jindirizza l-isfidi li jikkonċernaw it-tranżizzjoni ekoloġika. L-RRP aġġornat għad għandu ambitu wiesa' ħafna ta' miżuri ekoloġiċi, li jippromwovu r-rinnovazzjoni tal-enerġija għall-bini pubbliku, li għandhom l-għan li jiddekarbonizzaw l-intrapriżi, jippromwovu t-trasport sostenibbli, jindirizzaw l-isfidi tal-biodiversità permezz tar-riabilitazzjoni tat-torbieri u t-titjib tat-trattament tal-ilma. Barra minn hekk, minkejja t-tneħħija tal-investment 3.1 Programm ta' Esperjenza ta' Postijiet tax-Xogħol, l-RRP

aġġornat ikompli jindirizza l-isfidi li jikkonċernaw l-appoġġ għall-impjiegi permezz ta' appoġġ attiv għall-integrazzjoni u titjib tal-ħiliet permezz tal-investment 3.2 Programm Solas ta' Rispons għall-Ħiliet għall-Irkupru .

Il-kontribut għall-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali

- (21) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (c), u mal-Anness V, il-kriterju 2.3 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat mistenni jibqa' jkollu impatt għoli fuq it-tiġid tal-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi, u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali tal-Irlanda, filwaqt li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inkluż permezz tal-promozzjoni ta' politiki għat-tfal u ż-żgħażaġh, u fuq il-mitigazzjoni tal-impatt ekonomiku u soċjali tal-kriżi tal-COVID-19, u b'hekk issaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u l-konverġenza fl-Unjoni.
- (22) B'mod partikolari, minkejja t-tneħħija tal-miżura dwar l-investment 3.1 Programm ta' Esperjenza ta' Postijiet tax-Xogħol taħt il-komponent 3 L-irkupru soċjali u ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi, l-RRP aġġornat għad fih miżuri biex tissaħħaħ il-koeżjoni soċjali billi jiġu appoġġati l-impjiegi, b'mod partikolari permezz ta' opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid u investimenti fl-edukazzjoni.

Kontribut għat-tranżizzjoni ekoloġika inkluża l-bijodiversità

- (23) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e), u mal-Anness V, il-kriterju 2.5, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat fih miżuri li jikkontribwixxu bi kbir (Klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż il-bijodiversità, jew biex jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi klimatiċi jiffurmaw ammont li jirrappreżenta 42 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP ikkalkulat skont il-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (24) L-ambizzjoni lejn it-tranżizzjoni ekoloġika tal-pjan modifikat tinżamm meta mqabbla mal-pjan oriġinali, primarjament minħabba l-fatt li l-allokazzjoni ġenerali tal-RRP tonqos b'mod proporzjonali għat-tnaqqis fil-kontribut lejn l-oġettivi klimatiċi wara t-tnaqqis fil-kontribuzzjoni finanzjarja massima disponibbli għall-Irlanda, u tammonta għal 42 % tal-pjan rivedut, meta mqabbla ma' 42 % tal-pjan oriġinali.
- (25) L-emendi li saru biex jitqies l-aġġornament tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima u ċ-ċirkostanzi oġġettivi ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva preċedenti tal-kontribut għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż il-bijodiversità, jew biex jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw minnha. Investimenti sinifikanti inklużi fl-RRP għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija billi jtejbu l-effiċjenza enerġetika fil-bini pubbliki, jiddekarbonizzaw l-industriji, jippromwovu l-mobbiltà ferrovjarja sostenibbli, jirrestawraw il-bijodiversità permezz tar-riabilitazzjoni tat-torbieri, itejbu t-trattament tal-ilma, u jiffaċilitaw ir-riċerka u l-innovazzjoni ekoloġiċi. L-Irlanda inkludiet miżuri li jipprevedu d-dħul fis-seħħ tal-emendi tal-liġi dwar il-klima u ż-żieda assoċjata tagħha fil-miri klimatiċi, u żieda sinifikanti fit-taxxa fuq il-karbonju matul il-perjodu tal-RRF.

Kontribut għat-tranżizzjoni diġitali

- (26) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f), u mal-Anness V, il-kriterju 2.6, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat fih miżuri li jikkontribwixxu bil-kbir (Klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi diġitali jammontaw għal ammont

li jirrappreżenta 34,2 % tal-allokkazzjoni totali tal-RRP modifikat ikkalkulat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241.

- (27) L-ambizzjoni lejn it-tranżizzjoni diġitali tal-pjan modifikat tiżdied bi ftit meta mqabbla mal-pjan oriġinali, primarjament minħabba l-fatt li l-allokkazzjoni ġenerali tal-RRP tonqos aktar milli proporzjonalment għat-tnaqqis fil-kontribut lejn it-tranżizzjoni diġitali wara t-tnaqqis fil-kontribuzzjoni finanzjarja massima disponibbli għall-Irlanda, u hija ta' 34,2 % tal-pjan rivedut, meta mqabbla ma' 32 % tal-pjan oriġinali.
- (28) L-emendi li saru biex jitqies l-aġġornament tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima u ċ-ċirkostanzi oġġettivi ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva preċedenti tal-kontribut għat-tranżizzjonijiet diġitali jew biex jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw minnha. Diversi miżuri għandhom l-għan li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni diġitali billi jappoġġaw id-diġitalizzazzjoni tal-intrapriżi, jindirizzaw ir-riskju tad-distakk diġitali, inkluż fis-settur tal-edukazzjoni, itejbu l-ħiliet diġitali, u jappoġġaw l-iżvilupp tal-infrastruttura diġitali u t-twassil ta' servizzi pubbliċi diġitali.

Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

- (29) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (j), u mal-Anness V, il-kriterju 2.10, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fl-RRP modifikat huma adegwati (Klassifikazzjoni A) biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess meta jintużaw il-fondi previsti skont dak ir-Regolament, u l-arranġamenti mistennija jevitaw b'mod effettiv il-finanzjament doppju skont dak ir-Regolament u programmi oħra tal-UE. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' strumenti u għodod oħra li jippromwovu u jinfurzaw il-konformità mad-dritt tal-Unjoni, inkluż għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess, u għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴.
- (30) Il-valutazzjoni tal-RRP Irlandiż oriġinali, f'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (j), u l-Anness V, il-kriterju 2.10, tar-Regolament (UE) 2021/241, qieset li l-arranġamenti proposti fih huma adegwati (Klassifikazzjoni A) biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess, soġġett għall-issodisfar f'waqtu ta' żewġ stadji importanti 108 u 109. Dawn l-istadji importanti jirrigwardaw: i) sistema ta' repożitorju għall-verifika u l-kontrolli; ii) kapaċità amministrattiva tal-Korp ta' Implimentazzjoni u l-Korp tal-Awditjar.
- (31) Mill-valutazzjoni oriġinali, il-Kummissjoni kellha aċċess għal informazzjoni dwar l-implimentazzjoni attwali tagħha. Dan jinkludi s-sejbiet tal-awditjar dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni mwettaq mill-Kummissjoni fl-Irlanda.
- (32) Fid-dawl ta' din l-informazzjoni, il-Kummissjoni tqis li s-sistema ta' kontroll intern tal-RRP Irlandiż hija ġeneralment adegwata, iżda għandha xi nuqqasijiet li jridu jiġu indirizzati permezz ta' stadju importanti ddedikat tal-awditjar u tal-kontroll. Dan huwa relatat mal-ħtieġa għal struzzjonijiet mill-Korp ta' Implimentazzjoni (id-Dipartiment tan-Nefqa Pubblika u r-Riforma) lid-Dipartimenti Responsabbli bil-għan li jkompli

⁴ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 1).

jissaħħaħ il-qafas għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni ta' kwalunkwe irregolarità serja bħal frodi, kunflitt ta' interess, korruzzjoni u finanzjament doppju.

- (33) Is-sistema ta' kontroll intern deskritta fl-RRP Irlandiż modifikat hija bbażata fuq proċessi u strutturi robusti li huma fis-seħħ għall-prevenzjoni u l-identifikazzjoni ta' frodi, korruzzjoni, kunflitt ta' interess u finanzjament doppju. Dipartimenti u aġenziji identifikati b'mod ċar huma responsabbli għall-implimentazzjoni, it-twetiq u r-rappurtar dwar l-investment individwali u l-impenji ta' riforma fl-RRP f'konformità mal-oqsma ta' kompetenza tagħhom. Il-ġbir u t-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' kategoriji standardizzati ta' *data* skont l-Artikolu 22(2), il-punt (d) tar-Regolament (UE) 2021/241 mis-Sistema ta' Informazzjoni tal-RRF huma adegwati. Il-Korp ta' Implimentazzjoni, li fost il-kompiti l-oħra tiegħu, huwa responsabbli għas-sorveljanza tal-implimentazzjoni tal-miżuri ta' kontroll, għandu l-kapaċità amministrattiva meħtieġa sabiex iwettaq il-funzjonijiet tiegħu. L-Awtorità tal-Awditjar tal-FEŻR għandha s-setgħa legali li teżerċita l-kompiti tagħha billi topera bl-awtorità diretta tal-Ministru tan-Nefqa Pubblika u r-Riforma u taħt is-superviżjoni ġenerali u l-gwida tal-Kumitat tal-Awditjar tad-Dipartiment tan-Nefqa Pubblika u r-Riforma.
- (34) Jenħtieġ li jiġi introdott stadju importanti addizzjonali dwar il-verifika u l-kontroll. Dan jeħtieġ li l-Korp ta' Implimentazzjoni (id-Dipartiment tan-Nefqa Pubblika u r-Riforma) joħroġ struzzjonijiet lid-Dipartimenti Responsabbli dwar kunflitti ta' interess *ex ante* u verifiki ta' finanzjament doppju, dwar il-valutazzjoni tar-riskju ta' frodi u fir-rigward ta' verifiki fuq il-post. L-istadju importanti jenħtieġ li jiġi ssodisfat mhux aktar tard miż-żmien tal-preżentazzjoni tat-tieni talba għal pagament lill-Kummissjoni.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' valutazzjoni

- (35) Fir-rigward tal-kriterji tal-valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (a), (d), (g), (i) u (k) tar-Regolament (UE) 2021/241, il-modifiki limitati tal-RRP ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-pjan inizjali.

Valutazzjoni pożittiva

- (36) Wara l-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni li tikkonċerna l-RRP modifikat bis-sejba li l-pjan jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) tal-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti l-miżuri ta' riforma u ta' investment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP modifikat, l-oġettivi intermedji, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont li sar disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP modifikat fil-forma ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli.
- (37) Il-kostijiet totali stmati tal-RRP modifikat tal-Irlanda huma ta' EUR 923 158 300. Peress li l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP modifikat huwa ogħla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għall-Irlanda, jenħtieġ li l-kontribuzzjoni finanzjarja kkalkulata f'konformità mal-Artikolu 11 allokata għall-RRP modifikat tal-Irlanda tkun ugwali għall-ammont totali tal-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għall-RRP modifikat tal-Irlanda. Dan l-ammont huwa ta' EUR 914 368 618.
- (38) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 11046/21 tat-8 ta' Settembru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP għall-Irlanda tiġi emendata skont dan. Għal raġunijiet ta' ċarezza, jenħtieġ li l-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni jiġi sostitwit kompletament.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Settembru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Irlanda hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP aġġornat tal-Irlanda fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti tal-investimenti skont l-RRP, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inkluż l-oġettivi intermedji u l-miri rilevanti, l-indikaturi rilevanti relatati mal-ilħuq tal-oġettivi intermedji u l-miri previsti, u l-arranġamenti għall-ġħoti ta' aċċess sħiħ mill-Kummissjoni għad-*data* rilevanti sottostanti huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.”;

(2) Fl-Artikolu 2, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Irlanda kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' appoġġ li ma jitħallasx lura li jammonta għal EUR 914 368 618⁵. Ammont ta' EUR 914 368 618 għandu jkun disponibbli biex jiġi impenjat legalment sal-31 ta' Diċembru 2022.”;

(3) L-Anness huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Irlanda.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

⁵ Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokkazzjoni finanzjarja wara t-tnaqqis tas-sehem proporzjonali tal-Irlanda tal-ispejjeż tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulat skont il-metodoloġija tal-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament.